**Quddiem l-Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji**

**Kaz Nru. 145/2018**

**RN (l-ilmentatur)**

**vs**

**MEDirect Bank (Malta) p.l.c. (C 34125)**

**(il-provditur tas-servizz/il-Bank)**

**Seduta tal-21 t'Ottubru 2020**

**L-Arbitru,**

**Ra l-ilment fejn l-ilmentatur qed jissottometti:**

Illi huwa kien investa €31,260 f'*Bond* ***8.25 Air Berlin Bonds 2018*** liema investiment sar fuq medda ta' sena fi tliet pagamenti: €30,000 fl-14 ta' Marzu 2016; iehor fil-11 ta' Settembru 2017 u iehor fis 16 ta' Novembru 2017.

Illi fil-15 t'Awwissu 2017, l-*Air Berlin* iddikjarat falliment u talbet l-awtorizzazzjoni tal-Qorti sabiex tibda procedura ta' falliment; u fl-1 ta' Novembru 2017, il-Qorti Regjonali f'Berlin hatret stralcjarju sabiex jibdew il-proceduri necessarji.

Illi kif jidher mid-dokument anness immarkat bhala DOK A, il-*Bank Manager* tal-fergha tal-Bank tar-Rabat, Ghawdex, hejja dokument li jiddikjara li l-ilmentatur kien ser jassumi r-responsabbbiltà tal-investiment u l-ilmentatur jallega li peress li hu ma *'tantx'* jaf jaqra haseb li kien qed jiffirma karta '*bzonnjuza*' sabiex isir l-investiment.

Illi l-*Bank Manager* kien jaf li ma kienx jaf juza l-kompjuter u meta qallu biex jiffirma tali dokument ma gewx spjegati lilu l-implikazzjonijiet ta' tali dokument. L-ilmentatur kien jistenna li l-impjegat tal-Bank kellu jispjegalu li l-*Air Berlin* kienet ilha s-snin sejra lura, u dwar l-ahhar zewg investimenti fiha kellu jghidlu li

l-*Air Berlin* kienet iddikjarat falliment u, ghalhekk, ma kien hemm l-ebda tama li l-investiment jirnexxi u bazikament kien qed jarmi flusu.

Illi ghalhekk l-impjegati tal-Bank kienu qed jagixxu mieghu b'mod traskurat u kienu negligenti f'xogholhom meta naqsu li jinfurmawh li kien ser jinvesti flusu f'investiment fallut.

Qed jitlob lill-Arbitru jordna lill-Bank jaghtih lura l-flus kollha li nvesta f'dan il-*Bond* inkluzi l-interessi u l-ispejjez legali.

**Ra r-risposta tal-provditur tas-servizz li tghid:**

1. Illi preliminarjament, l-Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji (l-'**Arbitru**') m'ghandux gurisdizzjoni sabiex jisma' u jiddeciedi l-vertenza billi l-partijiet issottomettew ghall-gurisdizzjoni tal-Qrati ta' Malta u dan *ai termini* tal-Artikolu 20 tal-*Investment Services Terms and Conditions*, liema artikolu jispecifika bl-aktar mod car illi '*These Investment Services Terms are governed by the laws of Malta and any disputes in connection with the same shall be subject to the exclusive jurisdiction of the Maltese Courts'* u, ghalhekk, l-Arbitru ghandu jiddeciedi li jieqaf f'dan l-istadju milli jipprocedi bis-smigh u decizjoni dwar il-mertu ta' dan l-ilment.

2. Illi ukoll preliminarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-azzjoni kontra l-esponenti fir-rigward l-investiment fl-8.25% *Air Berlin Bonds* 2018 – ISIN DE000AB100B4 ('***Air Berlin Bonds***') li sar fl-14 ta' Marzu 2016, waqghet bil-preskrizzjoni ta' sentejn *ai termini* tal-Artikolu 2156 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta billi kull interazzjoni u/jew relazzjoni extra-kuntrattwali li setghet sehhet bejn il-partijiet sehhet qabel id-dekadenza tal-perjodu tal-preskrizzjoni applikabbli;

3. Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-ilment kif imressaq huwa xejn ghajr abbuz totali tal-foro tal-Ufficcju tal-Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji billi dan l-ilment huwa mimli inezattezzi u konvenjentement ommissjonijiet ta' fatti reali. Illi, ghalhekk, l-esponenti ser tghaddi sabiex taghti l-fatti li jikkoncernaw l-ilmentatur in succint:

    a. Fl-ewwel lok, l-ilmentatur huwa investitur b'certu kilba ghall-prodotti finanzjarji riskjuzi, b'valur fermament baxx, sabiex fl-eventwalità li l-prodott (li jkun) jew is-socjetà emittenti ta' xi

prodott finanzjarju jew tibda tmur tajjeb fis-swieq jew ikun hemm xi azzjoni korporattiva bhal ristrutturar u/jew ta' stralc b'rizultat pozittiv, l-investitur ikollu l-possibilità li jiggenera dhul sostanzjali fuq il-valur tal-investimenti originali. Illi ukoll, hekk kif jidher mir-rendikont ta' investimenti mizmuma mill-ilmentatur (hawn anness u mmarkat bhala '**Dok. MD1'**), l-ilmentatur kien ifittex biex jinvesti f'*high yield non-investment grade bonds* b'kupun jew interessi gholjin li b'hekk ikollhom certu riskju fuq il-kapital investit. Dan ir-riskju kien gie mgharraf kemm-il darba lill-ilmentatur mir-rapprezentanti tal-esponenti hekk kif iddikjara hu stess f'kull *transaction order.*

b. Illi, barra minn hekk, l-ilmentatur kellu u ghad ghandu predispozizzjoni li jinvesti fi prodotti iddenominati f'muniti instabbli u volatili meta imqabbel mal-munita Ewro bhal-Lira Torka, sabiex fil-kaz li tissahhah il-munita Torka, l-investitur ikun jista' jikkristallizza l-profitt fl-iskambju u jrendi dhul sostanzjali. Dan tant hu minnu illi tul ir-relazzjoni mal-esponenti, l-ilmentatur investa total ta' TRY (₺) 298,156.89 fil-munita Lira Torka (ekwivalenti ghal €25,503.86) u iggenera dhul ta' TRY (₺) 25,008.06 (ekwivalenti ghal €4,403.76) (ara rendikont ta' *securities* saldati iddenominati fil-munita Lira Torka hawn anness u mmarkat bhala '**Dok. MD2**').

c. Illi, di più, konvenjentement l-ilmentatur jonqos milli jizvela li tul ir-relazzjoni mal-esponenti (liema relazzjoni ghadha ezistenti ghaliex l-ilmentatur ghad ghandu portafoll ta' investimenti mizmumin mal-esponenti), huwa rrenda dhul nett ta' €108,184.76 (ara rendikont hawn anness u mmarkat bhala '**Dok. MD3**'). Illi ghalhekk wiehed ma jistax jizola l-investimenti fl-*Air Berlin Bonds* minghajr ma jhares lejn il-portafoll shih tal-ilmentatur, liema portafoll juri bic-car (a) it-tip ta' investimenti li kien jippreferi li jinvesti fihom l-ilmentatur, (b) ir-*risk appetite* tal-ilmentatur u (c) il-pozizzjoni netta tal-portafoll shih – dan huwa fuq kollox kuncett fundamentali fil-qasam ta' investimenti fi prodotti finanzjarji.

d. Illi pertinenti hafna huwa t-**tip** ta' servizz li nghata lill-ilmentatur mill-esponenti. Kif johrog car mid-dokumentazzjoni, u kif ser jigi

ampjament ipprovat waqt is-smigh ta' dan l-ilment, is-servizz li nghata mill-esponenti ken ta' '***Execution Only***'. L-esponenti qatt ma forniet jew tat xi hjiel li kienet qieghda tforni ebda tip ta' parir fuq l-investimenti. Illi, ghalhekk, fil-kaz *de quo* l-ilmentatur kien avvicina lir-rapprezentanti tal-esponenti fl-14 ta' Marzu 2016 sabiex dawn sempliciment jesegwixxu l-mandat tieghu sabiex jinvesti s-somma ta' €30,000 fl-*Air Berlin Bonds* tramite l-esponenti ghan-nom tieghu. Iffaccjati b'din it-talba, ir-rapprezentanti tal-esponenti kienu avzaw l-ilmentatur kemm-il darba li l-kumpanija *Air Berlin* kienet f'qaghda prekarja u mhux finanzjarjament stabbli u b'hekk kwalunkwe investiment kien spekulattiv hafna u ta' certu riskju fuq il-kapital investit. Nonostante dawn it-twissijiet, l-ilmentatur insista li ried jinvesti fl-*Air Berlin Bonds*. Illi in vista ta' dan, u *ai termini* tar-regoli applikabbli, l-esponenti tat *'risk warning'* (ara *Trade Order Forms* annessi u mmarkati bhala **Dok. MD4.i** sa **MD4.iii**) filwaqt li l-ilmentatur iddikjara ukoll, '*I understand that due to the high level of exposure in this security the risk in my portfolio is expected to increase significantly. I also understand that I will be responsible for any level of capital loss that such investment could incur due to fluctuations in the security price, default/partial default of the issuer or other form of decrease in the level of capital or interest payable' (*ara *File Note* anness u mmarkat bhala '**Dok. MD5.i** sa **MD5.iii**).

Illi sussegwentement u, *cioè,* fit-22 ta' Dicembru 2016, l-ilmentatur rega' avvicina l-esponenti sabiex jerga' jinvesti fl-istess prodott stante l-fatt li l-valur kien nizel ghall-prezz unitarju ta' €85.50 u b'hekk fil-kaz li l-prodott jitjieb fuq is-suq finanzjarju, l-ilmentatur ikollu l-potenzjal irendi dhul fuq l-investiment originali tieghu. Gara illi f'din l-okkazjoni s-socjetà mittenti ma accettatx investimenti godda u l-investiment ma sarx.

Illi l-ilmentatur mill-gdid avvicina l-esponenti fit-28 t'Awissu 2017 sabiex izid l-investiment tieghu fl-*Air Berlin Bonds* stante l-fatt li l-valur nominali kien nizel sostanzjalment u, *cioè,* ghal €9.0 prezz unitarju biex b'hekk fil-kaz li l-prodott jitjieb fuq is-suq finanzjarju,

l-ilmentatur ikollu l-potenzjal irendi dhul sostanzjali fuq l-investiment originali tieghu. L-esponenti infurmat lill-ilmentatur mill-gdid dwar ir-riskji lampanti fuq il-kapital investit partikolarment in vista tal-fatt li s-socjetà *Air Berlin* kienet insolventi. Izda, minkejja dawn it-twissijiet u d-dikjarazzjonijiet, l-ilmentatur xorta insista li jipprocedi b'dan l-investiment. B'hekk, is-servizz li inghatalu kien ta' '*Execution Only' ai termini* tar-regoli vicenti tal-MFSA.[1]

Illi l-interess li kellu l-ilmentatur fl-*Air Berlin Bonds* johrog bl-aktar mod car meta wiehed jara li minkejja l-andament negattiv u d-diversi twissijiet, l-ilmentatur rega' talab biex jinvesti fl-*Air Berlin Bonds* fil-31 t'Ottubru 2017, liema prezz unitarju kien tbaxxa sostanzjalment u, *cioè,* €2.50 *per unit.* Gara li kien hemm bdil fil-prezz ghal 2.80 u, b'hekk, l-ordni giet ikkancellata. Sussegwentement, l-ilmentatur kien ta struzzjonijiet mill-gdid sabiex jinvesti €10,000 fis-16 ta' Novembru 2017 bi prezz unitarju ta' €3.00. L-ilmentatur ha konoxxenza tar-*risk warning* u stqarr li minkejja r-riskji huwa xorta wahda ried jinvesti fil-prodott in kwistjoni (ara rendikont tal-investimenti fl-*Air Berlin Bonds* anness u mmarkat bhala '**Dok. MD6**').

e. Illi ukoll u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ilmentatur renda dhul ta' €3,147.24 fuq l-investimenti fl-*Air Berlin Bonds* biex b'hekk l-allegat telf fuq l-investiment *de quo* huwa certament zbaljat.

4. Illi ukoll, l-esponenti kienet ezentata mili taghmel l-*appropriateness test* stante l-fatt li l-prodott *de quo* kien wiehed li issodisfa l-kriterji *ai termini* tal-SLC 2.25 tal-*Part BI: Standard Licence Conditions applicable to Investment Services Licence Holders which qualify as MiFID Firms,* kif ukoll *ai termini* tal-Artikolu 19(6) tad-direttiva MiFID.

5. Illi wkoll u minghajr pregudizzju ghas-suespost, kwalunkwe telf li garrab l-ilmentatur kien rizultat ta' *Credit Risk* – riskju inerenti fil-qasam tal-investimenti finanzjarji u liema riskju l-ilmentatur kien ben infurmat u

---

[1] *Investment Services Rules for Investment Services Licence Holders which qualify as MiFID Firms Part BI: Standard Licence Conditions applicable to Investment Services Licence Holders which qualify as MiFID Firms*

avzat kemm-il darba bl-akbar mod car u inekwivoku biex b'hekk ma jirrizultax/jirrizultawx ebda nuqqas/ijiet li jaghtu lok ghall-ilment u kwalunkwe dritt pretiz minnu fil-konfront tal-esponenti.

6. Illi ghalhekk l-ilment huwa ghal kollox infondat fil-fatt u fid-dritt u ghandu jigi respint bl-ispejjez kontra l-ilmentatur stante f'kull waqt l-esponenti agixxiet kif rikjest mill-qafas regolatorju applikabbli u skont l-oghla livell ta' diligenza mistennija fil-ligi.

7. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez.

Sema' lill-partijiet

Ra l-atti kollha tal-kaz

**Jikkonsidra:**

Eccezzjonijiet preliminari:

L-ewwel eccezzjoni hija fis-sens li l-Arbitru m'ghandux gurisdizzjoni jisma' l-ilment ghaliex skont l-Artiklu 20 tal-*Investment Services Terms and Conditions:*

'*These Investment Services Terms are governed by the laws of Malta and any disputes* ***in connection with the same shall be subject***[2] *to the exclusive jurisdiction of the Maltese courts'.*

Qabel xejn, l-Arbitru jinnota li dawn l-*Investment Services Terms and Conditions*[3] (tip ta' *standard form contract*) m'humiex iffirmati mill-ilmentatur u, ghalhekk, ma jistax jinghad li kien marbut bihom jew li kien marbut bi klawsola 20 dwar tilwimiet li jistghu jinqalghu dwar l-istess *Terms and Conditions.*

L-Arbitru jista' jieqaf hawn ghax galadarba l-ilmentatur ma ffirmax li kien qed jintrabat bihom, ma jistax jinghad li kien qed jaccetta l-istess klawsola 20. Barra

[2] Enfasi mill-Arbitru
[3] *A Fol.* 106 *et seq*

minn hekk, kif inhi miktuba klawsola 20, din tirreferi **biss** ghall-kwistjonijiet li jistghu jinqalghu in konnessjoni mal-istess *Terms and Conditions.*

Il-kaz odjern mhux dwar xi kwistjoni dwarhom izda dwar l-imgiba tal-provditur tas-servizz meta skont l-ilmentatur gew mibjugha lilu dawn l-investimenti li skont hu ma kinux addattati ghalih.

B'hekk din il-klawsola wkoll ma tapplikax ghall-kaz in kwistjoni. Ghalhekk din l-eccezzjoni ma tistax tintlaqa' u l-Arbitru jista' jieqaf hawn.

Izda ghall-kompletezza, kif gie ritenut diversi drabi mill-Arbitru u kif ikkonfermat mill-Qorti tal-Appell, dawn il-klawsoli huma normalment marbuta ma' tranzazzjonijiet b'natura internazzjonali.

Fil-fatt, fis-sentenza ***Carmel Bartolo u Nicholina Bartolo vs Crystal Finance Investments Ltd*** *moghtija* fil-5 ta' Novembru 2018, il-Qorti tal-Appell sostniet illi klawsola bhal din ma taghmilx sens ghaliex:

'*ma kien hemm l-ebda element internazzjonali bejn il-partijiet - choice of jurisdiction clause normalment issir sabiex kwistjoni tinqata' minn qorti ta' pajjiz mahzzul u mhux minn qorti f'pajjiz iehor'.*

Barra minn hekk, il-Qorti ziedet li l-legizlatur ried li johloq forum alternattiv ghall-Qorti li jkun immirat ghall-ilmenti minn konsumaturi li jkollhom ilment dwar l-imgiba ta' provditur tas-servizz fil-qasam tas-servizzi finanzjarji u l-Arbitru jista' jirrifjuta li jiehu konjizzjoni tal-kaz biss fejn il-ligi *ad hoc* tipprojbih milli jezercita gurisdizzjoni:

'*Jirrizulta izda, li wara d-dhul fis-sehh tal-Kap. 555, il-konsumatur inghata b'ligi forum alternattiv fejn ifittex ghal rimedju fir-rigward ta' lment relatat mal-imgiba ta' provditur tas-servizz finanzjarju lilu moghti.*

*L-artikolu 21 tal-Kap. 555 dwar il-kompetenza tal-Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji jipprovdi illi:*

*'(1)(a) Xejn f'dan l-Att m'ghandu jimplika li l-ilment relatat mal-imgiba ta' provditur tas-servizz finanzjarju ghandu jkun regolat esklussivament bid-dispozizzjonijiet ta' dan l-Att ...'*

*Rilevanti wkoll li l-artikolu 21(2) li jsemmi kazijiet meta l-Arbitru ghandu jirrifjuta li jezercita s-setghat li ghandu taht il-ligi principali. Il-Qorti qieghda tifhem li l-kazijiet li jissemmew mhumiex xi lista ezawrjenti, izda pjuttost li f'dik id-diposizzjoni gew identifikati tliet sitwazzjonijiet differenti fejn l-Arbitru m'ghandux kompetenza.*

*L-ilment tal-appellati hu dwar l-imgiba tas-socjetà appellanti li hi provditur ta' servizz finanzjarju. Ghalhekk hu lment li skont din il-ligi specjali, l-Arbitru ghandu jikkunsidra u jiddeciedi dwaru. Hekk ukoll hu ilment relatat mal-obbligi kuntrattwali tal-appellanti bhala provditur ta' servizz finanzjarju'.*

L-istess intqal fis-sentenza ***Theresa Camilleri vs Crystal Finance Investments Ltd*** tal-5 ta' Novembru 2018.

Barra minn hekk, l-Arbitru hu tal-fehma li l-Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji jgawdi minn gurisdizzjoni konkorrenti mal-Qrati ordinarji, kif jirrizulta mil-ligi stess.

Aktar minn hekk, irrispettivament minn kull argument iehor, il-provditur tas-servizz issoggetta ruhu ghall-gurisdizzjoni tal-Arbitru matul it-trattazzjoni tal-kaz u sahansitra anke pprezenta nota ta' sottomissjonijiet dwar il-mertu tal-kaz.

Ghal dawn ir-ragunijiet, l-Arbitru jiddeciedi li ghandu gurisdizzjoni jisma' l-ilment.

***Eccezzjoni dwar preskrizzjoni***

Fit-tieni eccezzjoni l-Provditur tas-Servizz jghid:

*'... fir-rigward l-investiment … li sar fl-14 ta' Marzu 2016 waqghet bil-preskrizzjoni ta' sentejn ai termini tal-Artikolu 2156 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta billi kull interazzjoni u /jew relazzjoni extra-kuntrattwali li setghet sehhet bejn il-partijiet sehhet qabel id-dekadenza tal-perjodu tal-preskrizzjoni applikabbli'.*

L-Arbitru jqis din l-eccezzjoni bhala wahda legalment difettuza ghall-ahhar u jqisha biss bhal hela ta' hin ghalih ghaliex:

1. L-Artikolu '2156' hekk kif ikkwotat fih diversi paragrafi u ma ssir l-ebda referenza ghall-ebda wiehed minnhom u, ghalhekk, il-kwotazzjoni tal-ligi hija inkompleta u l-eccezzjoni mhix legalment specifikata. Ghalhekk ma jistax jikkunsidraha.

2. Barra minn hekk, fl-ebda cirkostanza kontemplata fl-Artikolu 2156 tal-Kap. 16, m'hemm xi forma ta' preskrizzjoni li tghaddi bit-trapass ta' sentejn kif jghid il-provditur tas-servizz. Kull preskrizzjoni taht dan l-Artikolu tghaddi bit-trapass ta' hames snin.

3. Din l-eccezzjoni inghatat fid-19 ta' Lulju 2018 u, ghalhekk, hija irritwali peress li sa dak iz-zmien kienu digà dahlu l-emendi fil-Kodici Civili taht l-Artikolu 2160 u l-provditur tas-servizz ma mexiex mar-rekwizit ta' dak l-Artikolu u ma jistax jibbenefika mill-eccezzjoni tal-preskrizzjoni.

Ghalhekk din l-eccezzjoni inghatat ghalxejn u qed tigi michuda.

**Fil-Mertu**

**L-Arbitru jrid jiddeciedi l-ilment skont dak li, fil-fehma tieghu, huwa gust, ekwu u ragonevoli fic-cirkostanzi partikolari u merti sostantivi tal-kaz.**[4]

**Il-Verzjoni tal-Ilmentatur**

Il-pern tal-ilment huwa li l-ilmentatur gie zvijat meta nbieghlu l-investiment fl-*Air Berlin* u l-ilmentatur jinsisti li '***l-ufficjali tal-bank jew l-istess bank kienu traskurati u negligenti f'xogholhom***'[5] meta naqsu li jinfurmawh li kien ser jinvesti flusu go *Bond* fallut.

L-ilmentatur jghid li hu kien bniedem li ma jafx jaqra u jikteb u, ghalhekk, id-dokument li ffirma[6] ma fehmux u kien minghalih li kien qed jiffirma dokument biex ikun jista' jinvesti.

Ghalhekk dan l-ilment jirrigwardja l-imgiba tal-provditur tas-servizz li skont l-ilmentatur agixxa bi traskuragni u negligenza u l-Arbitru ser jiddeciedi dwar dan.

**Il-Verzjoni tal-Provditur tas-Servizz**

---

[4] Kap. 555, Art. 19(3)(b)
[5] *A Fol.* 4
[6] Jirreferi ghad-dokument *a fol.* 14

Il-provditur tas-servizz jghid li mhux responsabbli ghal dan ghaliex:

1. L-ilmentatur kien ilu jinvesti fi prodotti riskjuzi bhal meta investa eluf fil-munita Torka u fi prodotti riskjuzi ohra.

2. Li l-ghan tal-ilmentatur kien li jissogra biex ikabbar il-kapital billi kien jixtri prodotti bi prezz baxx biex imbaghad jitla' l-prezz u jaqla' fuq il-kapital. B'dan il-mod l-ilmentatur kien qala' hafna flus, madwar €1200 fix-xahar.

3. Li l-Bank spjegalu r-riskji involuti tant li ffirma dikjarazzjoni fejn gie specifikament spjegat lilu li kien qed jassumi r-responsabbiltà ta' riskju oghla li kien fih l-investiment in kwistjoni. Ghalhekk il-Bank qed jghid li m'ghandu l-ebda responsabbiltà.

**Konsiderazzjonijiet ohra u Konkluzjoni**

L-ilment hu specifikament dwar ir-responsabbiltà *o meno* tal-Bank dwar it-telf li jallega li ghamel l-ilmentatur meta ghal tliet darbiet wara xulxin investa fl-*Air Berlin*.

L-ilmentatur ghamel l-ewwel investiment ta' €30,000 fl-*Air Berlin Bonds* 2018 fl-14 ta' Marzu 2016; iehor fil-11 ta' Settembru 2017 u iehor fis-16 ta' Novembru 2017.[7]

Fix-xhieda tieghu quddiem l-Arbitru, l-ilmentatur jghid li kien il-Bank li hajjru jinvesti f'dan il-prodott u, ghalhekk, kien ghamel l-ewwel tranzazzjoni. Jghid li hu ma jafx juza l-*internet;* ma jafx jaqra bl-Ingliz imma kienu jispjegawlu d-dokumenti, skont hu, *'fuq, fuq'.*

Jghid illi kieku l-Bank kien infurmah li bejn l-2006 u l-2018 l-*Air Berlin* kienet qed taghmel it-telf, hu ma kienx jinvesti fiha.

L-ilmentatur izid jghid li:

*'f'xi Awwissu 2017 qaluli li l-Air Berlin kienet in liquidation. B'liquidation jien fhimt li jaraw x'hemm u jitqassmu fost l-investituri. Peress li l-prezz kien nizel sostanzjalment, jien zammejthom. Nghid li fl-ahhar zewg tranzazzjonijiet, meta xtrajthom bi prezz baxx hafna, nahseb li kont issugrajt xi ftit, kont qisni qed*

[7] *A Fol.* 4

*nilghab karta. Però, fl-ewwel investiment ma qaghadtx nilghab karti imma jien kont noqghod fuq Refalo biex insahhah ix-xi haga li ghandi'.*[8]

Dwar kemm fil-fatt investa flus jghid hekk:

'*Fl-ewwel investiment kien hemm 30,000 u fuq l-ohrajn kien hemm nominal 10,000 u 10,000 u flus minn buti darba hrigt €900 u darba €300.'*[9]

In kontroezami jammetti li ghandu flus f'munita Torka u kien jinvesti regolarment u jmur madwar darba jew darbtejn fil-gimgha l-Bank biex jara kif kienu sejrin id-*deals* li jkun qed jaghmel. Jghid li ghadu jahdem mal-*MeDirect* u baqa' jinvesti maghhom.

**Ghan-naha tal-Bank, ix-xhud ewlieni** li kien jiehu hsieb it-tranzazzjonijiet tal-ilmentatur kien Joseph Refalo. Fost affarijiet ohra, jghid[10] li mis-sena 2013 kien esegwixxa mal-112-il investiment tal-ilmentatur. Kien l-ilmentatur li jmur il-Bank u jitlob investimenti partikolari. Il-Bank qatt ma agixxa mieghu fuq bazi ta' parir ghaliex kien jesegwixxi biss l-ordnijiet tal-ilmentatur.

Jghid ukoll li anke meta l-ilmentatur xtara l-*Air Berlin Bonds,* ghalkemm ma kienx qed jinghata servizz ta' parir, l-istess xhud kien wissih li l-*Air Berlin* ma kinetx f'qaghda stabbli u '*b'hekk dan l-investiment kien igorr riskju fuq il-kapital investit. Madankollu s-Sur RN insista li jinvesti fil-Bonds tal-Air Berlin minkejja it-twissijiet u risk warning moghtija lilu …'*[11]

Ix-xhud izid li l-ilmentatur anke ffirma dokumenti (DOK 2 sa 5) li juru li l-ilmentatur kien hu li specifikament talab li jaghmel dan l-investiment; li dan l-investiment kien igorr riskju aktar min-normal u li ma kienx qed jitlob il-parir tal-Bank.

Wara li l-ilmentatur kien investa €30,000 f'Marzu 2016, f'Dicembru rega' investa fl-*Air Berlin*, u anke din id-darba gie avzat li kien qed jirriskja, izda dan l-investiment ma giex esegwit ghaliex l-*Air Berlin* m'accettax investimenti godda (DOK 3).

---

[8] *A Fol.* 62
[9] *Ibid.*
[10] A *Fol.* 127 *et seq*
[11] *A Fol.* 127

Fit-28 ta' Awwissu 2017, l-ilmentatur rega' ta struzzjonijiet lill-Bank biex izid l-investiment fl-istess *Bond* peress li l-prezz nominali kien nizel ghal €9.0. Ix-xhud spjega lill-ilmentatur li l-*Air Berlin* kienet fi '*stat t'insolvenza u ghalhekk dan l-investiment kien eccessivament riskjuz'*.[12]

Minkejja dan, l-ilmentatur xorta ried li jinvesti u, ghalhekk, ix-xhud talab li ssir dikjarazzjoni mill-ilmentatur li kien konoxxenti li l-*Air Berlin* kienet fi stat ta' insolvenza u li wkoll seta' jitlef flusu. (DOK 4.1) L-ilmentatur baqa' jippersisti fl-investiment fl-*Air Berlin* minkejja t-twissijiet kontinwi tal-Bank kif anke jirrizulta minn DOK 5.1.

Ix-xhud jghid ukoll li l-ilmentatur kellu:

'*kilba ghall-prodotti finanzjarji riskjuzi. Matul ir-relazzjoni mal-Bank … renda dhul net ta' €115,000 (DOK 6.1, 6.2 u 6.3) Nonostante li fetah il-proceduri quddiem l-Arbitru tas-Servizzi Finanzjarji, is-Sur RN ghadu jinvesti b'mod regolari mal-Bank. Fil-fatt huwa kien u ghadu jfittex investimenti f'high yield non-investment grade bonds illi fin-natura taghhom huma riskjuzi aktar min-normal'.*[13]

Kien ukoll investa fil-munita Torka biex jaqla' mill-kambju. (DOK 6.3)

Fil-kontroezami tieghu, l-istess xhud jghid li l-ilmentatur kien ghamel hafna tranzazzjonijiet '*u jekk taqta' tal-Air Berlin jibqalu qligh ta' aktar minn €1,200 fix-xahar u dan bis-servizzi li tajnih ahna'.*[14]

L-Arbitru qies ix-xhieda taz-zewg partijiet u, fost affarijiet, jista' jikkonstata li:

1. L-ilmentatur kien ilu jinvesti mal-Bank sa mill-2013 u kellu strategija li jinvesti f'investimenti riskjuzi. Hu ma jinnegax dan u jidher li matul is-snin din l-istrategija hallietlu qligh tajjeb tant li qisu kellu paga ohra ta' €1,200 fix-xahar. Dan stqarru r-rapprezentant tal-Bank li qatt ma gie innegat mill-ilmentatur.[15]

2. L-Arbitru m'huwiex konvint li l-ilmentatur kien jiddependi fuq il-parir tal-Bank biex jinvesti. Qabel l-*Air Berlin* kien ilu jinvesti u dejjem ha s-servizz

[12] *Ibid.*
[13] *A Fol.* 128
[14] A *Fol.* 159
[15] *Ibid.*

ta' *Execution Only* ghaliex kif spjega l-Bank ma kinux jaghtu pariri fuq dawn l-investimenti u kienu jbighuhom biss fuq bazi ta' *Execution Only.*

3. L-Arbitru jqis ukoll li minkejja li l-ilmentatur kien qed jigi mwissi biex ma jkomplix jinvesti fl-*Air Berlin,* anke wara li gie mwissi li kienet fi stat ta' insolvenza, hu xorta ried jibqa' jissogra tant li kien lest jiffirma dikjarazzjonijiet fejn kien qed jassumi r-riskju hu.

4. Ghalkemm l-ilmentatur donnu jaghti l-impressjoni li ma kienx jaf x'qed jiffirma u li ma kienx lanqas jaf juza l-kompjuter, l-Arbitru jinnota li dawn id-dikjarazzjonijiet fejn assuma r-responsabbiltà l-ilmentatur ma kinux miktuba b'mod li ma setax jifhimhom. Jammetti hu stess li meta xtara l-ahhar investiment dan ghamlu wara li kien gie avzat mill-Bank li l-*Air Berlin* kienet *in liquidation.*

   Ghall-Arbitru dan ifisser li minkejja li kien jaf li l-*Air Berlin* kienet fi stat tant prekarju xorta ried jibqa' jinvesti fiha.

   Fil-fatt, qal li ried jilghab karta:

   '*B'liquidation jien fhimt li jaraw x'hemm u jitqassmu fost l-investituri. Peress li l-prezz kien nizel sostanzjalment jien zammejthom. Nghid li fl-ahhar zewg tranzazzjonijiet meta xtrajthom bi prezz baxx hafna, nahseb li kont issugrajt xi ftit, kont qisni qed nilghab karta. Però, fl-ewwel investiment ma qaghadtx nilghab karti imma jien kont noqghod fuq Refalo biex insahhah ix-xi haga li ghandi'.*[16]

Din ix-xhieda tikkontrasta sew ma' dak li xehed qabel, li kien qed jiffirma d-dikjarazzjonijiet li kien qed jassumi r-responsabbiltà, ghaliex qalulu li minghajrhom ma jinvestulux. Jekk xejn, din il-verzjoni ssahhah il-verzjoni tal-Bank li peress li l-investimenti li ried jaghmel kienu riskjuzi aktar min-normal, ma kinux lesti li jinvestulu jekk l-ilmentatur ma jassumix ir-riskju hu. U l-ilmentatur xorta ried li jinvesti u jassumi r-riskju hu.

Ghalhekk, l-Arbitru mhux konvint li ma kienx jaf x'qed jiffirma. Hu stess jammetti li kien jaf li qed jissogra, u l-mod kif xehed, specjalment meta qal li kien qed jixtri bi prezz baxx biex forsi joghlew u jaqla' l-flus, juri li l-ilmentatur kellu l-esperjenza

[16] *A Fol.* 62

bizzejjed biex jiehu decizjoni infurmata. Minkejja li gie mwissi bir-riskji xorta wahda ried jibqa' jissogra.

Il-bazi tal-ilment tal-ilmentatur hija li: '*l-ufficjali tal-Bank u jew l-istess Bank kienu ferm traskurati u negligenti f'xogholhom',*[17] meta naqsu li jinfurmawh li kien qed jinvesti '*go Bond fallut'*.

L-ilmentatur ma gab l-ebda prova tangibbli ta' din it-traskuragni u negligenza min-naha tal-Bank anzi, kif digà intqal aktar 'il fuq, l-ilmentatur kellu storja ta' investimenti riskjuzi u kienet il-filosofija tieghu li jinvesti b'dan il-mod biex jimmassimizza l-qligh li, kif spjegat mill-Bank, kien wiehed konsiderevoli u konsistenti.

Minkejja li l-ilmentatur jghid li fl-ewwel investiment fl-*Air Berlin* il-Bank ma kienx fetahlu mohhu dwar ir-riskju, anke meta sar jaf li l-*Air Berlin* kienet f'*liquidation*, xorta baqa' jinvesti fiha kontra t-twissijiet tal-istess Bank.

L-Arbitru hu konvint li galadarba l-ilmentatur kellu strtategija li jissogra, u minkejja li kien qed jigi imwissi biex ma jinvestix f'investiment li kien falla, fi kliemu stess ried jilghab karta biex forsi tigih tajba.

Ghalhekk l-Arbitru ma jistax jemmen din il-verzjoni, li hija wahda selettiva, fejn l-ilmentatur qed jitfa' dell fuq haddiehor meta hu stess kien jaf fiex qed jinvesti u baqa' jippersisti fl-istess investiment anke meta dan l-investiment kien f'qaghda kritika hafna.

Ghalhekk la hu gust, la hu ekwu u lanqas ragonevoli li l-ilmentatur jallega t-traskuragni u n-negligenza fuq haddiehor meta l-ufficjali tal-Bank qdew dmirhom sew u dejjem tawh servizz tajjeb matul is-snin, tant li ghamel qligh tajjeb u ghadu jinvesti maghhom.

Huwa minnu li l-Arbitru jrid iqis kull investiment fuq il-merti tieghu, u qed jaccenna ghall-*history* tal-investimenti tieghu, ghar-raguni biss li l-ilmentatur jaghti l-impressjoni li kien xi investitur ta' bla esperjenza u li l-Bank kien traskurat mieghu.

---

[17] *A Fol.* 4

Hu relevanti wkoll li minkejja li l-ilmentatur iqajjem l-allegati nuqqasijiet ta' traskuragni u negligenza, anke wara l-investiment mertu ta' dan l-ilment, u anke wara li ghamel l-ilment mal-Arbitru, xorta wahda baqa' jaghmel investimenti ohra mal-Bank bl-istess manjiera li kien qed jaghmel qabel u jinvesti f'*high yield non-investment grade bonds,*[18] liema fatt l-ilmentatur qatt ma cahdu.

**Ghalhekk, ghar-ragunijiet kollha moghtija aktar 'il fuq f'din id-decizjoni, l-Arbitru ma jistax jasal ghall-konkluzjoni li l-Bank agixxa mal-ilmentatur b'mod negligenti u traskurat u, ghalhekk, qed jichad l-ilment.**

**Peress li l-Arbitru cahad l-eccezzjonijiet preliminari tal-provditur tas-servizz, kull parti thallas l-ispejjez taghha.**

**Dr Reno Borg**
**Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji**

[18] *A Fol.* 128